MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 09/2025-9**

**It-Tnejn, 20 ta' Jannar 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fit-3.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina- Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

N/A

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

09.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

09.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji.

09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

09.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 08/2024-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

09.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

09.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 08/2024-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

09.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

09.3.1 Is-Sindku awgura s-sena tajba lil membri kif ukoll lir-residenti u awgura sena ta' ħidma.

09.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ser ikun qed jiġi mogħti s-somma ta' €1,500 mid-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar bħala għajnuna lil Kunsill sabiex ikun jista' jtella' l-Karnival fiż-Żebbuġ. Dan ser ikun qed jiġi organizzat nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar 2025 fis-6.30 ta' filgħaxija.

09.3.3 Informa lil membri li l-Kunsill ser ikun qed jingħata €1,000 mir-Reġjun Għawdex sabiex jieħu sehem f'attivita' mtella' mill-istess Reġjun għal ftuħ tar-Reġjun Kulturali 2025. Fuq proposta tas-Sindku l-membri qablu li jingħata tagħrif dwar l-Għażżiela. L-Arċipriet ser ikun qed jieħu ħsieb din id-diskussjoni.

09.3.4 Informa lill-membri li rċieva korrispondenza mingħand l-President Emmeritu Marie Louise Coleiro Preca sabiex il-Kunsill ikollu Kunsill

tat-tfal ta' bejn is-6 u s-16-il sena. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu joħroġ avviż f'dan ir-rigward u l-Kunsillier Mario Portelli jieħu ħsieb dan peress li f'idejh għandu d-dekasteru taż-żgħażagħ.

09.3.5 Propona u l-membri qablu sabiex issir Clean up Event fejn is-*salt pans.*

09.3.6 Is-Sindku Baskal Saliba nforma lill-membri preżenti li avviċċina lil ta' Klassi Għalina sabiex tittella' attivita' kulturali minnhom fil-ground ta' l-iskola. Din l-attivita' tkun bil-ħlas pero' l-profit jinqasam bejn l-għaqdiet tar-raħal. Il-membri qablu.

**09.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

09.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Cordina*

09.4.1.1 Propona sabiex jinbena' l-ħajt tat-triq li waqa' f'Wied l-Infern. Il-membri qablu li għandha tinġabar kwotazzjoni f'dan ir-rigward. Il-membri qablu.

09.4.1.2 Informa lil membri li l-Għaqda tan-Nar Marija Assunta ser tibda' taqta' l-ħaxix minn Triq Wied l-Infern u Wied l-Abjad fi Frar u li anke f'Ġunju ser ikun qed jerġa jinqata' u dan bil-prezz tas-soltu jiġifieri ta' €2,000.

09.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

09.4.2.1 Talbet għal *update* fuq l-offerta tas-CCTV liema fondi ġew mogħtija lil Kunsill mid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Is-Sindku wieġeb li t-twaħħil tagħhom miexi ġmielu u kważi lesti. Kompla jgħid li bħalissa għaddejjin l-evalwazzjonijiet fuq żewġ offerti.

09.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

09.4.3.1 Talab sabiex isir *patching* fi Triq Skappuċċina. Il-membri qablu.

09.4.4 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

09.4.4.1 Talab sabiex jinbidlu t-tabelli li hemm fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri għal Għajn Mhelhel kif ukoll dawk ta' Pjazza l-Assunta. Il-membri qablu.

09.4.4.2 Talab sabiex tissewwa t-tappiera tal-Go plc li hemm fi Pjazza l-Assunta quddiem il-*bus shelter* għax perikoluża. Il-membri qablu li jiġu avviċinati l-Go plc.

09.4.4.3 Talab sabiex issir tfakkir lill-Perit rigward l-aċċess għal ġor-raba' fi Triq Wied l-Abjad. Il-Perit kellu jagħmel il-verifikazzjonijiet meħtieġa sabiex tkun tista' ssir.

## 09.5 Budget 2025

L-accountant tal-Kunsill ingħaqad b'kollegament telefoniku mal-kamra fil-4.15 ta' filgħaxija. Ta spjegazzjoni dettaljat tal-budget li ġie preparat.
Il-membri approvaw dan il-budget.
Is-Sindku rringrazzja lill-Accountant tal-Kunsill ta' l-ispjega tiegħu. Dan ħalla l-kamra fil-4.35 ta' filgħaxija.

## 09.6 Approvazzjoni ta' l-Offerti

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-offerta ZGLC/09/2024 – Works-Resurfacing of new street (Cul-de-Sac) Triq il-Ponta in a resource efficient manner ġiet evalwata. Il-membri qablu li jilqgħu l-rakkomandazzjoni tal-bord u għalhekk intgħażlet l-aktar offerta vantaġġjuża.

## 09.7 Materji Oħra

09.7.1 Talba mingħand l-Arċipriet sabiex il-Kunsill jikkollabora mal-Parroċċa għal ħlas tal-liċenzja ta' Radju Għażżiela għas-sena 2025. Il-membri qablu.

09.7.2 Skema maħruġa mid-DLG SPI/SCI/01/2025 – Korsijiet lifelong learning. Il-Kunsillier Dr Marlene Cini proponiet u l-membri qablu li jiġu organizzati korsijiet tal-pittura, tal-induratura u tan-newl jekk hu possibli.

09.7.3 Korrispondenza PA rigward PA/00168/24 – Triq Ulisse. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Perit tal-Kunsill qed jivverifika rigward dan il-permess. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu joqgħod għar-rakomonadazzjoni tal-Perit.

09.7.4 Talba sabiex isir patching fi Triq tal-Konti. Il-membri qablu li jingħata l-patching neċessarju.

09.7.5 Korrispondenza minn TM fejn infurmaw lil Kunsill li ġie approvat personalized disabled parking bay fi Triq il-Forn. Il-membri nnutaw l-kontenut.

09.7.6 Talba mingħand Jennifer Bonello sabiex toganizza Aerobics u Yoga Pilates classes għar-residenti. Il-membri qablu.

09.7.7 Talba mingħand il-Kappillan tal-Knisja ta' San Pawl f'Marsalforn sabiex il-Kunsill jorganizza servizz ta' Banda nhar il-Ħadd, 9 ta' Frar 2025. Il-membri qablu.

09.7.8 Talba mingħand sidien ta' l-għelieqi fi Triq tal-Merżuq taħt id-Dabrani sabiex jimtlew il-ħofor bir-ramel. Il-membri qablu.

09.7.9 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kuntratt tal-BE Clean Ltd ser jiskadi fl-14 ta' Frar 2025. Il-membri qablu li jinġabru kwotazzjonijiet għal upkeep taż-Żebbuġ Playing Field u Ġnien Serħan is-Sagħtrija u kwotazzjoni għal upkeep tal-Qbajjar Promenade.

09.7.10 M20/24 – talba sabiex jinżebgħu *double yellow lines* ta' metru mal-ġnub ta' garaxx fi Triq is-Sajjied. Il-membri qablu.

09.7.11 M01/25 – talba sabiex isir repainting tas-sinjali bl-iswed ta' Triq il-Qbajjar kantuniera ma Triq tan-Naħla. Il-membri qablu.

09.7.12 Z01/25 – talba sabiex tinbena bankina ġdida fi triq Skappuċċina. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

09.7.13 Talba sabiex teħel mera tat-traffiku temporanja fejn kien hemm il-Bo Jungles fi Pjazza San Pawl, Marsalforn sakemm ikun għaddej ix-xogħol ta' kostruzzjoni. Il-membri qablu li ssir fejn qabel kien hemm id-disabled parking bay.

09.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 07/2025 għall-perjodu ta' Jannar 2025 li tammonta għal €73,809.93 ġiet approvata mill-membri preżenti

09.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-4.45 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 18 ta' Frar 2025 fil-4.30 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv